MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2006

Numru. 342/2006

Il-Pulizija
**Spettur Antonello Grech**

**v**

**MARTIN XUEREB bin Anthony Joseph u Carmen Victoria nee' Vella, imwieled fit-tnax ta' Frar 1973 u residenti "Silver Fox", Triq is-Sajjieda, Fontana, Ghawdex, jew 9, Triq Monsinjur Guzeppi Farrugia, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 509090M.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **MARTIN XUEREB** bin Anthony Joseph u Carmen Victoria nee' Vella, imwieled fit-tnax ta' Frar 1973 u residenti "Silver Fox", Triq is-Sajjieda, Fontana, Ghawdex, jew 9, Triq Monsinjur Guzeppi Farrugia, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 509090M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fix-xahar ta' Novembru 2005 u Dicembru 2005 naqas li jaghti l-ammont ta' manteniment dovut lill Ruth Schembri ghaliha u ghall-uliedha minuri u dan bi ksur tal-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz d-digriet tal-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 1346 Anton Schembri u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju fejn qal li hu jahdem bhala driver u li ma jaffordjax li jaghti flus lil Ruth Schembri ghal uliedhom u li ma jridx jghaddilha ebda manteniment ghalkemm jaf li hu dovut.

Semghet lil Ruth Schembri tiddikjara seduta stante li l-imputat qatt ma hallasha manteniment minn Awissu 2005 wara li ghamlet referenza ghad-digriet esibit fl-atti.

Ikkunsidrat:

Illi stante li l-akkuza tirrizulta ppruvata, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat MARTIN XUEREB hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal gimghatejn habs mill-lum**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------